MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 553/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Bonnici**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Kevin Bonnici, karta ta' l-identita` numru 409975(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk if żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu

ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2006 sa Ottubru 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Judith Bonnici u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Diċembru 2013 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Kevin Bonnici ħati u kkundannatu sitt xhur priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Kevin Bonnici ppreżentat fil-11 ta' Diċembru 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat illi llum stess ġie effetwat il-ħlas opportun; rat il-verbal fejn l-Avukat Dottor Toni Abela għall-appellant iddikjara li l-appellant kien qiegħed jirrinunzja għall-aggravji tiegħu dwar il-mertu; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi fl-ewwel lok, għandu jingħad illi l-piena mogħtija lill-esponent hija manifestament Żbaljata fil-liġi. Dan għas-segwenti raġunijiet:
>
> i. Ma nġabet l-ebda prova illi l-esponenti kien b'xi mod reċidiv. F'dan is-sens għalhekk ma setgħetx tingħata piena ta' priġunerija kif fil-fatt ingħatat, u dan għaliex skond l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni jew

priġunerija fil-kaŻ li jkun reċidiv. IŻda l-esponent reċidiv ma kienx u allura din il-parti tal-Artikolu 338(z) ma tapplikax għalih;

ii. Il-piena kienet manifestament żbaljata wkoll għaliex skond l-artikolu 7(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ladarba issa ġie stabbilit illi l-imputat ma kienx reċidiv, ma setgħetx tingħata piena ta' priġunerija;

"Illi di piu` is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti hija monka proċeduralment, u dan għaliex din is-sentenza hija skarsa minn kull xorta ta' motivazzjoni ta' x'wassal biex dik il-Qorti tiddeċiedi proprju kif iddeċidiet;

"Illi aktar minn hekk, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma indikatx b'mod ċar l-artikoli tal-liġi li fuqhom kienet qed issib lill-esponenti ħati, u dan ukoll huwa difett gravi proċeduralment għaliex sentenza bħal din, partikolarment sentenza ta' priġunerija, trid tipprovdi b'ċertezza lima kienet il-liġi li wasslet biex il-Qorti jkollha s-setgħa tagħti t-tip ta' piena li tat.

**6.** Stante li saret rinunzja ta' l-aggravji mressqa fil-mertu tibqa' biss il-kwistjoni dwar il-piena. In vista tal-fatt illi tħallas l-ammont miftiehem mill-partijiet għas-saldu tal-perijodu ndikat fiċ-ċitazzjoni, m'hemmx lok li jiġu kkunsidrati l-aggravji ta' l-appellant.

**7.** Issa, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------